MALTA

ATT Nru. XXII ta' l-1992

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12.

ACT No. XXII of 1992

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Code of Organization and Civil Procedure, Cap. 12.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

11 ta' Diċembru, 1992

ATT Nru. XXII ta' l-1992

ATT biex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1992 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 12.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi.

2. L-artikolu 6 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 6 tal-Kodiċi.

(a) l-artikolu kif inhu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Minbarra l-Prim Imħallef, l-imħallfin tal-Qrati Superjuri jkunu tlettax jew dak l-għadd ikbar li l-President ta' Malta jista' jistabbilixxi b'Ordni.".

3. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 tal-Kodiċi għandu jidħol is-subartikolu (1) li ġej: Emenda ta' l-artikolu 11 tal-Kodiċi.

"(1) Il-President ta' Malta għandu jassenja lil kull wieħed mill-imħallfin il-qorti jew sezzjoni tal-qorti li fiha għandu joqgħod, u jista' jbiddel imħallef minn qorti jew sezzjoni ta' qorti għal oħra:

Iżda mħallef jista' jiġi assenjat li joqgħod f'iktar minn qorti waħda jew iktar minn sezzjoni waħda ta' qorti waħda jew aktar minn waħda.".

Emenda ta' l-artikolu 29 tal-Kodiċi.

4. L-artikolu 29 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem minn "mill-Prim Imħallef" sal-kliem "Ħidma fil-Qrati" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Prim Imħallef, minn żewġ imħallfin maħtura mill-President ta' Malta, u mill-president tal-Kamra ta' l-Avukati"; u fil-paragrafu (ċ) tiegħu minflok il-kliem "biex joqgħodu f'qorti partikolari" għandhom jidħlu l-kliem "biex joqgħodu f'qorti partikolari jew sezzjoni partikolari ta' qorti;"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "u żewġ membri oħra ma' jkunux preżenti." għandhom jidħlu l-kliem "u membru ieħor ma jkunux preżenti.".

Emenda ta' l-artikolu 39 tal-Kodiċi.

5. Fl-artikolu 39 tal-Kodiċi minflok il-kliem "L-imħallef tal-Qorti tal-Kummerċ" għandhom jidħlu l-kliem "kull Imħallef li joqgħod fil-Qorti tal-Kummerċ jew f'xi sezzjoni tagħha".

Żieda ta' artikolu ġdid 39A mal-Kodiċi.

6. Minnufih wara l-artikolu 39 tal-Kodiċi għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Il-Qrati jista' jkollhom iktar minn sezzjoni waħda.

39A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 32, ta' l-artikolu 33 u tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 36 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Kummerċ jistgħu kull waħda minnhom tkun magħmula minn aktar minn sezzjoni waħda, hekk kif il-President ta' Malta jista' b'Ordni jistabbilixxi.

(2) Għandu jkun hemm imħallef li joqgħod f'kull sezzjoni bħal dik, u sezzjoni ta' qorti bħal dik għandha tħaddem u jkollha s-setgħat kollha mogħtija lil dik il-qorti b'kull liġi.".

Emenda ta' l-artikolu 41 tal-Kodiċi.

7. L-artikolu 41 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (1) u (2) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (5) u (6) rispettivament;

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "Il-Qorti ta' l-Appell hija magħmula mill-President u żewġ imħallfin oħra; u hija tisma'" għandhom jidħlu l-kliem "Hija tisma'"; u

(ċ) minnufih qabel is-subartikolu (5) kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(1) Il-Qorti ta' l-Appell hija magħmula minn sezzjoni waħda jew iktar minn waħda li kull sezzjoni minnhom tkun magħmula mill-Prim Imħallef u żewġ imħallfin oħra. Kull sezzjoni għandha tħaddem u jkollha s-setgħat kollha li huma b'dan il-Kodiċi jew b'kull liġi oħra vestiti fil-Qorti ta' l-Appell.

(2) L-għadd ta' sezzjonijiet jiġi stabbilit b'Ordni magħmul mill-President ta' Malta.

(3) Meta jintgħamel Ordni mill-President ta' Malta li jkun jipprovdi għal aktar minn sezzjoni waħda tal-Qorti ta' l-Appell, il-bord bis-setgħa li jagħmel regoli stabbiliti bis-saħħa ta' l-artikolu 29 ta' dan il-Kodiċi għandu jipprovdi dwar il-mod kif il-kawżi għandhom jitqassmu bejn id-diversi sezzjonijiet.

(4) (a) Ordni bħal dak imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jista' jipprovdi li meta wieħed mill-imħallfin, li ma jkunx il-Prim Imħallef, li joqgħod f'waħda mis-sezzjonijiet, jastjeni jew mod ieħor jiġi rikużat u dik ir-rikuża tiġi aċċettata, il-kawża li fiha sseħħ dik l-astensjoni jew rikuża għandha tinstemà minn sezzjoni oħra li tiġi hekk stabbilita bl-Ordni.

(b) Meta jiġi rikużat u dik ir-rikuża tiġi aċċettata jew jastjeni l-Prim Imħallef, għandu jiġi surrogat minflok il-Prim Imħallef fis-sezzjoni fejn tkun qegħda tinstema' l-kawża, l-imħallef bl-aktar precedenza (li ma jkunx il-Prim Imħallef) f'dik is-sezzjoni li tista' tiġi hekk stabbilita bl-Ordni.

(ċ) Meta, minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ordni magħmul bis-saħħa tal-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subartikolu, il-kawża ma tkunx tista' tinstemà minn ebda sezzjoni skond kif provdut f'dik l-ordni minħabba fir-rikuża jew astensjoni tal-Prim Imħallef jew xi wieħed mill-imħallfin l-oħra, il-President ta Malta jissurroga imħallef ieħor jew imħallfin oħra biex joqgħod jew joqogħdu minflok l-imħallfin li jkunu ġew rikużati jew leġittimament impediti fis-sezzjoni fejn il-kawża tkun l-ewwel ġiet assenjata taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 216 tal-Kodiċi.

8. Fl-artikolu 216 tal-Kodiċi minflok il-kliem "minn wieħed minnhom." għandhom jidħlu l-kliem "minn wieħed minnhom: iżda b'dan illi l-imħallef jew il-maġistrat li jippresjedi dik il-qorti jista' jagħti sentenza hu mingħajr ma jattendu l-membri l-oħra tal-qorti sakemm dik is-sentenza tkun iffirmata mill-anqas minn żewġ membri tal-qorti.".

Mghoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 75 ta' l-1 ta' Diċembru, 1992.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.